



15.1.2019

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014, (UE) Nru 258/2014, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 2017/826
(COM(2018)0441 – C8-0254/2018 – 2018/0231(COD))

Rapporteur għal opinjoni(*): Sofia Ribeiro

(*) Kumitat assoċjat – l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Is-suq intern irid kontinwament jadatta għal ambjent li jinbidel veloċement ta' rivoluzzjoni diġitali u globalizzazzjoni. Era ġdida ta' innovazzjoni diġitali tkompli tipprovdli opportunitajiet għan-negozji u għall-individwi, toħloq prodotti u mudelli ta' negozju ġodda iżda tikkostitwixxi wkoll sfida għar-regolamentazzjoni u għall-infurzar.

Emenda

(2) Is-suq intern irid kontinwament jadatta għal ambjent li jinbidel veloċement ta' rivoluzzjoni diġitali u globalizzazzjoni. Era ġdida ta' innovazzjoni diġitali tkompli tipprovdli opportunitajiet għan-negozji u għall-individwi ***billi tiżgura aċċess għall-finanzi għall-aħħar ġenerazzjoni ta' teknoloġiji u*** toħloq prodotti u mudelli ta' negozju ġodda, iżda tikkostitwixxi wkoll sfida għar-regolamentazzjoni u għall-infurzar. ***Mill-banda l-oħra, l-atturi kollha tas-suq jeħtieġu aktar trasparenza fil-katina tal-provvista.***

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-korp sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirfed il-funzjonament tas-suq intern. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kompetittività, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-katina alimentari iżda wkoll regoli li jirrigwardaw tranżazzjonijiet tan-negozju, kummerċjali u finanzjarji u l-promozzjoni ta'

Emenda

(3) Il-korp sostanzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jirfed il-funzjonament tas-suq intern. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kompetittività, l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sorveljanza tas-suq u r-regolamentazzjoni tal-katina alimentari iżda wkoll regoli li jirrigwardaw tranżazzjonijiet tan-negozju, kummerċjali u finanzjarji u l-promozzjoni ta'

kompetizzjoni ġusta li tipprovdi kundizzjonijiet ekwi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern.

kompetizzjoni ġusta li tipprovdi kundizzjonijiet ekwi **billi jiġu miġġielda l-prattiki inġusti, li hu** essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea huma soġġetti għal Programm Statistiku Ewropew separat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Sabiex tiġi provduta kontinwità tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, il-programm il-ġdid jenħtieġ li jinkludi wkoll l-attivitajiet koperti mill-Programm Statistiku Ewropew billi jiġi provdut qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea. Il-Programm jenħtieġ li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju għall-istatistika Ewropea biex tinħareġ statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar l-Ewropa sabiex tinfed it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-UE.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 7

Emenda

(6) L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea huma soġġetti għal Programm Statistiku Ewropew separat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷. Sabiex tiġi provduta kontinwità tal-produzzjoni u tad-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, il-programm il-ġdid jenħtieġ li jinkludi wkoll l-attivitajiet koperti mill-Programm Statistiku Ewropew billi jiġi provdut qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea. Il-Programm jenħtieġ li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju għall-istatistika Ewropea biex tinħareġ ***l-aktar*** statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli ***reċenti*** dwar l-Ewropa, ***f'format li l-utenti jistgħu jaċċessawh b'faċilità***, sabiex tinfed it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-UE.

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 99/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017 (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 12).

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (il-"Programm"). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027.

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 9**

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Suq intern modern jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej joħlqu ***l-impjiegi*** u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex jiksbu dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli, u jiżgura qafas regolatorju li jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-ostakli regolatorji fuq is-suq intern tneħħew għal ħafna prodotti industrijali permezz ta' mekkaniżmi ta'

Emenda

(7) Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit Programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (il-"Programm"). Jenħtieġ li l-Programm jiġi stabbilit għal tul ta' żmien ta' seba' snin mill-2021 sal-2027, ***biex jikkoinċidi mat-tul tal-QFP.***

Emenda

(9) Suq intern modern jippromwovi l-kompetizzjoni u huwa ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għan-negozji u għall-impjegati. L-użu aħjar tas-suq intern għas-servizzi li dejjem jevolvi huwa mistenni li jgħin lin-negozji Ewropej, ***indipendentement mid-daqs tagħhom,*** joħlqu ***impjiegi ġodda*** u jespandu lil hinn mill-fruntieri tagħhom, joffru għażla usa' ta' servizzi bi prezzijiet aħjar, filwaqt li jżommu standards għoljin għall-konsumaturi u l-ħaddiema. Biex jiksbu dan, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli, u jiżgura qafas regolatorju li jista' jakkomoda mudelli ta' negozju innovattivi ġodda ***u inizjattivi tat-tip start-up.***

prevenzjoni, l-adozzjoni ta' regoli komuni u, fejn ma jeżistux dawn it-tipi ta' regoli tal-Unjoni, permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Għal ċerti oqsma fejn ma teżistix leġislazzjoni tal-Unjoni, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jfisser li l-prodotti li huma kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru jgawdu d-dritt tal-moviment liberu u jistgħu jinbiegħu fi Stat Membru ieħor. Iżda meta r-rikonoxximent reċiproku ma jiġix applikat kif xieraq, il-kumpaniji jsibuha ferm aktar diffiċli biex jaċċessaw is-swieq fi Stati Membri oħra. Minkejja l-livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq fil-qasam tal-prodotti, dan iwassal biex jintilfu l-opportunitajiet għall-ekonomija b'mod ġenerali. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb l-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-oġġetti u li jnaqqas l-għadd ta' oġġetti illegali u mhux konformi li jidħlu fis-suq.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-isfidi regolatorji u ta' infurzar ġodda huma relatati mat-tibdil rapidu fl-ambjent tar-rivoluzzjoni diġitali, fir-rigward ta' kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, l-Internet tal-Oġġetti jew l-Intelliġenza Artifiċjali. Jekk issir il-ħsara, ***ir-regoli*** stretti dwar is-sikurezza tal-prodotti u r-responsabbiltà għalihom huma essenzjali biex jiġi żgurat rispons politiku li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej, inkluż il-konsumaturi u n-negozji li jibbenefikaw minn regoli bħal dawn. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-adattament u l-infurzar rapidi tal-

prevenzjoni, l-adozzjoni ta' regoli komuni u, fejn ma jeżistux dawn it-tipi ta' regoli tal-Unjoni, permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku. Għal ċerti oqsma fejn ma teżistix leġislazzjoni tal-Unjoni, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jfisser li l-prodotti li huma kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru jgawdu d-dritt tal-moviment liberu u jistgħu jinbiegħu fi Stat Membru ieħor. Iżda meta r-rikonoxximent reċiproku ma jiġix applikat kif xieraq, il-kumpaniji jsibuha ferm aktar diffiċli biex jaċċessaw is-swieq fi Stati Membri oħra, ***b'mod speċjali fil-każ ta' kumpaniji li joperaw b'mod transfruntier***. Minkejja l-livell għoli ta' integrazzjoni tas-suq fil-qasam tal-prodotti, dan iwassal biex jintilfu l-opportunitajiet għall-ekonomija b'mod ġenerali. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jtejjeb l-applikazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-oġġetti u li jnaqqas l-għadd ta' oġġetti illegali u mhux konformi li jidħlu fis-suq ***jew ta' dawk li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-konsumatur***.

Emenda

(11) L-isfidi regolatorji u ta' infurzar ġodda huma relatati mat-tibdil rapidu fl-ambjent tar-rivoluzzjoni diġitali, fir-rigward ta' kwistjonijiet bħaċ-ċibersigurtà, l-Internet tal-Oġġetti jew l-Intelliġenza Artifiċjali. Jekk issir il-ħsara, ***regoli*** stretti dwar is-sikurezza tal-prodotti u r-responsabbiltà għalihom ***li huma formulati b'mod ċar u li jinftiehem*** huma essenzjali biex jiġi żgurat rispons politiku li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej, inkluż il-konsumaturi u n-negozji li jibbenefikaw minn regoli bħal dawn. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi

iskema ta' responsabbiltà għall-prodotti tal-Unjoni li trawwem l-innovazzjoni.

għall-adattament u l-infurzar rapidi tal-iskema ta' responsabbiltà għall-prodotti tal-Unjoni li trawwem l-innovazzjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li mhumiex konformi mad-dritt tal-Unjoni ***jqiegħed*** lil dawk li jikkonformaw fi żvantaġġ u jista' jipperikola lill-konsumaturi. Ħafna intraprendituri jinjoraw ir-regoli, jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksbu vantaġġ kompetittiv. Spiss l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ma jkollhomx fondi biżżejjed u jkunu limitati mill-fruntieri nazzjonali, filwaqt li l-intraprendituri jinnegozjaw fil-livell tal-Unjoni jew saħansitra ***anki*** dinji. B'mod partikolari, fil-każ tal-kummerċ elettroniku, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibuha ferm diffiċli biex jittraċċaw prodotti mhux konformi li jiġu importati minn pajjiżi terzi u biex jidentifikaw l-entità responsabbli fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi jipprovdi l-inċentivi t-tajba lill-intraprendituri, isaħħaħ il-kontrolli tal-konformità u jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fost l-awtoritajiet tal-infurzar. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, iħeġġeġ azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq minn Stati Membri differenti, itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u jippromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda

(12) It-tqegħid fis-suq ta' prodotti li mhumiex konformi mad-dritt tal-Unjoni ***jew li m'għandhomx approvazzjoni tat-tip iqiegħed*** lil dawk li jikkonformaw fi żvantaġġ u jista' jipperikola lill-konsumaturi. Ħafna intraprendituri jinjoraw ir-regoli, jew minħabba nuqqas ta' għarfien, jew apposta, biex jiksbu vantaġġ kompetittiv. Spiss l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ma jkollhomx fondi biżżejjed u jkunu limitati mill-fruntieri nazzjonali, filwaqt li l-intraprendituri jinnegozjaw fil-livell tal-Unjoni, ***f'livell transfruntier***, jew saħansitra ***f'livell*** dinji. B'mod partikolari, fil-każ tal-kummerċ elettroniku, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibuha ferm diffiċli biex jittraċċaw prodotti mhux konformi li jiġu importati minn pajjiżi terzi u biex jidentifikaw l-entità responsabbli fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-konformità tal-prodotti billi jipprovdi l-inċentivi t-tajba lill-intraprendituri, isaħħaħ il-kontrolli tal-konformità u jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera msaħħa fost l-awtoritajiet tal-infurzar. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-konsolidazzjoni tal-qafas eżistenti għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, iħeġġeġ azzjonijiet konġunti tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq minn Stati Membri differenti, itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u jippromwovi l-konverġenza u integrazzjoni aktar mill-qrib tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Barra minn hekk, peress li s-swieq tal-konsumaturi ma għandhomx fruntieri bl-iżvilupp ***tal-kummerċ online u s-servizzi*** tal-ivvjaġġar, huwa importanti li jkun żgurat li l-konsumaturi residenti fl-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni adegwata meta jimportaw oġġetti u servizzi mingħand operaturi ekonomiċi bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jippermetti li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab kummerċjali ewlenin tal-Unjoni ***fejn meħtieġ***.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdew jaħdmu b'modi ġodda, iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta' dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi l-provvediment ta' informazzjoni aġġornata dwar id-drittijiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-

Emenda

(14) Barra minn hekk, peress li s-swieq tal-konsumaturi ma għandhomx fruntieri bl-iżvilupp ***rapidu kostanti tas-servizzi tal-kummerċ u*** tal-ivvjaġġar ***online***, huwa importanti li jkun żgurat li l-konsumaturi residenti fl-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni adegwata meta jimportaw oġġetti u servizzi mingħand operaturi ekonomiċi bbażati f'pajjiżi terzi. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jippermetti li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab kummerċjali ewlenin tal-Unjoni.

Emenda

(16) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Programm u biex jiġu ffaċilitati l-ħajjiet tan-negozji u taċ-ċittadini, iridu jiġu stabbiliti servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja ċċentrati fuq l-utent ***fl-oqsma kollha***. Dan jimplika li l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkollhom jibdew jaħdmu b'modi ġodda, iwaqqgħu s-sajlos bejn il-partijiet differenti tal-amministrazzjonijiet tagħhom, u jinvolvu ruħhom fil-ħolqien konġunt ta' dawn is-servizzi pubbliċi maċ-ċittadini u man-negozji ***fil-livell lokali, reġjonali, transfruntier u nazzjonali u jiżguraw siti web governattivi aktar aċċessibbli fejn l-informazzjoni essenzjali tista' tinstab aktar faċilment (EM61, ECR)***. Barra minn hekk, iż-żieda kontinwa u kostanti tal-

formalitajiet amministrattivi. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-għodod eżistenti ta' governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sinla tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

attivitajiet transfruntiera fis-suq intern tirrikjedi l-provvediment **regolari** ta' informazzjoni aġġornata dwar id-drittijiet **u l-obbligi** tan-negozji u taċ-ċittadini, iżda wkoll informazzjoni li tispjega l-formalitajiet amministrattivi **u t-taxxi inerenti fl-attivitajiet rispettivi**. Isir ukoll essenzjali li jingħataw pariri legali u għajnuna biex jissolvew problemi li jinqalgħu bejn il-fruntieri. Minbarra dan, huwa meħtieġ li ssir konnessjoni sempliċi u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet **reġjonali u** nazzjonali, **fejn xieraq**, kif ukoll li jiġi evalwat kif is-suq intern jaħdem fuq il-post. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-għodod eżistenti ta' governanza tas-suq intern, jiġifieri: il-Portal l-Ewropa Tiegħek li jenħtieġ li jkun is-sinla tal-Portal Diġitali Uniku li ġej, il-Pariri tal-Ewropa Tiegħek, SOLVIT, is-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex titjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u l-kapaċità tan-negozji li jinnegozjaw bejn il-fruntieri.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti u sħaħ tal-qafas legali tal-Unjoni għall-finanzjament kontra l-ħasil tal-flus u kontra t-terroriżmu mill-Istati Membri u l-iżvilupp ta' politiki futuri biex jiġu indirizzati sfidi ġodda fil-qasam. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-attivitajiet rilevanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali ta' interess Ewropew, bħal pereżempju l-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu tal-Kunsill tal-Ewropa.

Emenda

(18) Jenħtieġ li l-Programm jippromwovi wkoll l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti u sħaħ tal-qafas legali tal-Unjoni għall-finanzjament kontra l-ħasil tal-flus u kontra t-terroriżmu mill-Istati Membri u l-iżvilupp ta' politiki futuri biex jiġu indirizzati sfidi ġodda fil-qasam, **sabiex jiġu mfittxija u implimentati l-mezzi li jipprevjenu u jikkumbattu dawn il-fenomeni**. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-attivitajiet rilevanti tal-organizzazzjonijiet internazzjonali ta' interess Ewropew, bħal pereżempju l-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu tal-

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Peress li s-suq intern kif stipulat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx imxekkla, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni, in-netwerks u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u ***l-grati*** kif ukoll jilħaq grupp usa' ta' partijiet ikkonċernati fil-komunikazzjoni u l-ispegazzjoni tad-drittijiet, l-benefiċċji u l-obbligi tal-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Emenda

(20) Peress li s-suq intern kif stipulat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi sistema li tiżgura li l-kompetizzjoni ma tkunx imxekkla, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni, in-netwerks u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ***u l-grati*** nazzjonali u ***internazzjonali***, kif ukoll jilħaq grupp usa' ta' partijiet ikkonċernati fil-komunikazzjoni u l-ispegazzjoni tad-drittijiet, l-benefiċċji u l-obbligi tal-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa ħiliet, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali fallimenti tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li ma jfixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla bżonn.

Emenda

(23) L-SMEs jikkondividu sfidi komuni li ma jaffettwawx ditti akbar bl-istess mod biex jiksbu finanzjament, biex isibu forza tax-xogħol bl-aqwa ħiliet, biex itaffu l-piż amministrattiv, biex jadottaw il-kreattività u l-innovazzjoni, biex jaċċessaw is-swieq u biex irawmu attivitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs f'reġjuni b'restrizzjonijiet, bħaż-żoni muntanjużi u r-reġjuni ultraperiferiċi, fejn l-SMEs huma l-uniku sors ta' attività ekonomika u impjegi.*** Jenħtieġ li l-Programm jindirizza t-tali fallimenti tas-suq b'mod proporzjonat, filwaqt li ma jfixkilx il-kompetizzjoni fis-suq intern bla

bżonn.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex jiksbu l-aċċess għall-finanzi minħabba li jitħabtu biex juru l-valur tal-kreditu tagħhom u ma jkollhomx biżżejjed kollateral. Sfdi addizzjonali ta' finanzjament jirriżultaw mill-ħtieġa tal-SMEs li jibqgħu kompetittivi billi jinvolvu ruħhom eż. fl-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni, internazzjonalizzazzjoni u innovazzjoni u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom. L-aċċess limitat għall-finanzjament għandu effett negattiv fuq il-ħolqien, it-tkabbir u r-rati ta' sopravivenza tan-negozji, kif ukoll fuq ir-rieda ta' intraprendituri ġodda li jidħlu responsabbli għal kumpaniji vijabbli fil-kuntest ta' suċċessjoni ta' negozju.

Emenda

(24) Ħafna mill-problemi tal-kompetittività tal-Unjoni jinvolvu diffikultajiet tal-SMEs biex jiksbu l-aċċess għall-finanzi minħabba li jitħabtu biex juru l-valur tal-kreditu tagħhom u ma jkollhomx biżżejjed kollateral. Sfdi addizzjonali ta' finanzjament jirriżultaw mill-ħtieġa tal-SMEs li jibqgħu kompetittivi billi jinvolvu ruħhom eż. fl-attivitajiet ta' diġitalizzazzjoni, internazzjonalizzazzjoni u innovazzjoni u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom. L-aċċess limitat għall-finanzjament għandu effett negattiv fuq il-ħolqien, it-tkabbir, ***l-ekonomija lokali*** u r-rati ta' sopravivenza tan-negozji, kif ukoll fuq ir-rieda ta' intraprendituri ġodda li jidħlu responsabbli għal kumpaniji vijabbli fil-kuntest ta' suċċessjoni ta' negozju.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ effettiv għall-SMEs tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Jenħtieġ li jibni fuq l-għarfien u l-kompetenza esperta uniċi żviluppati fir-rigward tal-SMEs u s-setturi industrijali u fuq esperjenza twila ta' ħidma ma' partijiet ikkonċernati Ewropej, nazżjonali u reġjonali. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess tan-Netwerk Enterprise Europe bħala punt uniku ta' servizz biex tittejjeb il-

Emenda

(27) Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ effettiv għall-SMEs tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, ***mingħajr ebda diskriminazzjoni bejn is-sessi u b'enfasi fuq l-inkuraġġiment taż-żgħażaġh minn żoni rurali biex iwettqu attivitajiet intraprenditorjali u b'hekk jipprevjenu d-depopolazzjoni rurali***. Jenħtieġ li jibni fuq l-għarfien u l-kompetenza esperta uniċi żviluppati fir-rigward tal-SMEs u s-setturi industrijali u fuq esperjenza twila ta' ħidma

kompetittività tal-SMEs u jiġi żviluppat in-negozju tagħhom fis-Suq Uniku u lil hinn minnu. In-Netwerk qed jippjana li jkompli jagħti servizzi f'isem programmi oħra tal-Unjoni bħall-programm Orizzont 2020, permezz tar-riżorsi finanzjarji ta' dawn il-programmi. L-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda jenħtieġ li tibqa' l-għodda biex tgħin lill-intraprendituri ġodda jew aspiranti jiksbu esperjenza ta' negozju billi tlaqqagħhom ma' intraprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk tippermettilhom isaħħu t-talenti intraprenditorjali tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jagħmel ħiltu biex jikber u jestendi l-kopertura ġeografika tiegħu u b'hekk joffri firxa usa' ta' possibilitajiet ta' tqabbil lill-intraprendituri f'komplementarjetà ma inizjattivi oħra tal-Unjoni fejn rilevanti.

ma' partijiet ikkonċernati Ewropej, nazzjonali u reġjonali. Dan l-appoġġ jenħtieġ li jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess tan-Netwerk Enterprise Europe bħala punt uniku ta' servizz biex tittejjeb il-kompetittività tal-SMEs u jiġi żviluppat in-negozju tagħhom fis-Suq Uniku u lil hinn minnu. In-Netwerk qed jippjana li jkompli jagħti servizzi f'isem programmi oħra tal-Unjoni bħall-programm Orizzont 2020, permezz tar-riżorsi finanzjarji ta' dawn il-programmi. L-iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda jenħtieġ li tibqa' l-għodda biex tgħin lill-intraprendituri ġodda jew aspiranti jiksbu esperjenza ta' negozju billi tlaqqagħhom ma' intraprenditur tal-esperjenza minn pajjiż ieħor u b'hekk tippermettilhom isaħħu t-talenti intraprenditorjali tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li jkompli jagħmel ħiltu biex jikber u jestendi l-kopertura ġeografika tiegħu u b'hekk joffri firxa usa' ta' possibilitajiet ta' tqabbil lill-intraprendituri f'komplementarjetà ma inizjattivi oħra tal-Unjoni fejn rilevanti.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Ir-raggruppamenti huma għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività u t-tkabbir tal-SMEs minħabba li joffru ambjenti tan-negozju favorevoli. L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti jenħtieġ li jiksbu massa kritika biex jitħaffef it-tkabbir tal-SMEs. Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti jgħolqu opportunitajiet tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Jenħtieġ li jiġi provdut appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti,

Emenda

(28) Ir-raggruppamenti huma għodda strateġika għall-appoġġ tal-kompetittività u t-tkabbir tal-SMEs minħabba li joffru ambjenti tan-negozju favorevoli. L-Inizjattivi ta' Raggruppamenti Konġunti jenħtieġ li jiksbu massa kritika biex jitħaffef it-tkabbir tal-SMEs. Permezz tal-konnessjoni ta' ekosistemi speċjalizzati, ir-raggruppamenti jgħolqu opportunitajiet tan-negozju ġodda għall-SMEs u jintegrawhom aħjar fil-ktajjen ta' valur strateġiċi Ewropej u dinjija. Jenħtieġ li jiġi provdut appoġġ għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' sħubija transnazzjonali u għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet konġunti,

appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti. Jenħtieġ li titħeġġeġ is-sħubija sostenibbli b'finanzjament kontinwu jekk jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni u parteċipazzjoni. L-appoġġ dirett għall-SMEs jenħtieġ li jgħaddi mill-organizzazzjonijiet tar-raggruppamenti għal dan li ġej: l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, mudelli ta' negozju ġodda, soluzzjonijiet b'użu baxx ta' karbonju u użu effiċjenti tar-riżorsi, il-kreattività u t-tfassil, l-aġġornament tal-ħiliet, l-attrazzjoni tat-talent, l-aċċellerazzjoni tal-intraprenditorija u l-internazzjonalizzazzjoni. Atturi ta' appoġġ għall-SMEs speċjalizzati oħra jenħtieġ li jiġu assoċjati biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni industrijali u l-implimentazzjonijiet ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-kabbir u jibni rabtiet maċ-ċentri ta' innovazzjoni (diġitali) tal-Unjoni u mal-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni u Orizzont Ewropa. Jistgħu wkoll jiġu esplorati s-sinerġiji mal-programm Erasmus.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) Huwa meħtieġ livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa permezz tal-katina tal-provvista tal-ikel biex is-suq intern ikun jista' jopera b'mod effiċjenti. Katina tal-provvista tal-ikel sikura u sostenibbli hija prerekwiżit għas-soċjetà u għas-suq intern. Il-kriżijiet tas-saħħa transfruntiera u l-biża' dwar l-ikel ifixklu l-funzjonament tas-suq intern billi jillimitaw il-moviment tal-persuni u tal-oġġetti u jfixklu l-produzzjoni.

appoġġati mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti. Jenħtieġ li titħeġġeġ is-sħubija sostenibbli b'finanzjament kontinwu jekk jintlaħqu l-miri ta' prestazzjoni u parteċipazzjoni. L-appoġġ dirett għall-SMEs jenħtieġ li jgħaddi mill-organizzazzjonijiet tar-raggruppamenti għal dan li ġej: l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, mudelli ta' negozju ġodda, soluzzjonijiet b'użu baxx ta' karbonju u użu effiċjenti tar-riżorsi, il-kreattività u t-tfassil, l-aġġornament tal-ħiliet, l-attrazzjoni tat-talent, l-aċċellerazzjoni tal-intraprenditorija u l-internazzjonalizzazzjoni. Atturi ta' appoġġ għall-SMEs speċjalizzati oħra jenħtieġ li jiġu assoċjati biex tiġi ffaċilitata t-trasformazzjoni industrijali u l-implimentazzjonijiet ta' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. Għalhekk il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-kabbir u jibni rabtiet maċ-ċentri ta' innovazzjoni (diġitali) tal-Unjoni u mal-investimenti taħt il-Politika ta' Koeżjoni, **Erasmus** u Orizzont Ewropa. Jistgħu wkoll jiġu esplorati s-sinerġiji mal-programm Erasmus.

Emenda

(44) Huwa meħtieġ livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa permezz tal-katina tal-provvista **agrikola u** tal-ikel biex is-suq intern ikun jista' jopera b'mod effiċjenti. Katina tal-provvista **agrikola u** tal-ikel sikura u sostenibbli hija prerekwiżit għas-soċjetà u għas-suq intern. Il-kriżijiet tas-saħħa transfruntiera u l-biża' dwar l-ikel ifixklu l-funzjonament tas-suq intern billi jillimitaw il-moviment tal-persuni u tal-oġġetti u jfixklu l-produzzjoni. **Sabiex jiġu prevenuti kriżijiet tas-saħħa u allarmi dwar l-ikel transfruntiera, il-Programm**

jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet konkreti, bħat-twaqqif ta' miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' kriżijiet u avvenimenti imprevedibbli li jaffettwaw is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-ħolqien ta' mekkaniżmu għal aċċess dirett għar-riżerva ta' kriżi tal-Unjoni sabiex dawn is-sitwazzjonijiet ta' emerġenza jiġu indirizzati b'mod aktar rapidu, effettiv u effiċjenti. Għaldaqstant il-prevenzjoni ta' mard u organiżmi ta' ħsara ġodda u mhux magħrufa jenħtieġ li tkun prijorità ewlenija.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) L-objettiv ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-katina alimentari huwa li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, li jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-annimali, li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, inkluża l-preservazzjoni tal-bijodiversità, filwaqt li jtejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjonijiet Ewropej tal-ikel u l-għalf, iżid l-istandards tal-kwalità fl-Unjoni kollha, itejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel u tal-għalf u jiffavorixxi l-ħolqien tal-impjiegi.

Emenda

(45) L-objettiv ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-katina alimentari huwa li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, li ***jiżgura l-provvista ta' prodotti tal-ikel bi prezzijiet raġonevoli, li*** jappoġġa t-titjib tal-benessri tal-annimali, ***li jiżgura dħul ġust għall-komunità agrikola, li jistabilizza s-swieq u*** li jikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni u informazzjoni għall-konsumaturi u livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, inkluża l-preservazzjoni tal-bijodiversità, filwaqt li jtejjeb is-sostenibbiltà tal-produzzjonijiet Ewropej tal-ikel u l-għalf, ***inaqqas il-ħela tal-ikel***, iżid l-istandards tal-kwalità fl-Unjoni kollha, itejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-ikel u tal-għalf u jiffavorixxi l-ħolqien tal-impjiegi.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 46

(46) Minħabba n-natura speċifika tal-azzjonijiet li jirrigwardaw livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, iridu jiġu stipulati kriterji ta' eliġibbiltà speċjali rigward il-provvista ta' għotjiet u l-użu tal-akkwist pubbliku f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, b'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ (ir-"Regolament Finanzjarju"), bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' nonretroattività, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza, minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli tagħhom, jenħtieġ li jkunu eliġibbli u jinkludu wkoll l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat ta' okkorrenza suspettata ta' marda jew organizzmu ta' ħsara bil-kundizzjoni li sussegwentement din l-okkorrenza tiġi kkonfermata u nnotifikata lill-Kummissjoni. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli jenħtieġ li jsiru mill-Kummissjoni, wara l-firma tal-impenji legali u wara l-valutazzjoni tat-talbiet għall-ħlas ppreżentati mill-Istati Membri. L-ispejjeż jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll għall-miżuri ta' protezzjoni meħuda fil-każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa fl-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz, Stat Membru jew pajjiżi u territorji extra-Ewropej ta' ċertu mard tal-annimali u ċerti żoonożi kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni, jew attivitajiet rilevanti oħra, meħuda b'appoġġ għall-istatus tas-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni.

⁶¹ [żieda]

(46) Minħabba n-natura speċifika tal-azzjonijiet li jirrigwardaw livell għoli ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari, iridu jiġu stipulati kriterji ta' eliġibbiltà speċjali rigward il-provvista ta' għotjiet u l-użu tal-akkwist pubbliku f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, b'deroga mir-Regolament (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ (ir-"Regolament Finanzjarju"), bħala eċċezzjoni għall-prinċipju ta' nonretroattività, l-ispejjeż għall-miżuri ta' emerġenza, minħabba n-natura urġenti u mhux prevedibbli tagħhom, jenħtieġ li jkunu eliġibbli u jinkludu wkoll l-ispejjeż imġarrba bħala riżultat ta' okkorrenza suspettata ta' marda jew organizzmu ta' ħsara bil-kundizzjoni li sussegwentement din l-okkorrenza tiġi kkonfermata u nnotifikata lill-Kummissjoni. L-impenji baġitarji korrispondenti u l-pagament tan-nefqa eliġibbli jenħtieġ li jsiru mill-Kummissjoni, wara l-firma tal-impenji legali u wara l-valutazzjoni tat-talbiet għall-ħlas ppreżentati mill-Istati Membri. ***Meta l-emerġenzi fil-qasam tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti fil-katina alimentari jkunu jistgħu jiġu ntraċċati lura għal Prattiki speċifiċi tal-Unjoni, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex dawn il-prattiki jiġu rettifikati.*** L-ispejjeż jenħtieġ li jkunu eliġibbli wkoll għall-miżuri ta' ***prevenzjoni*** u protezzjoni meħuda fil-każ ta' theddida diretta għall-istatus tas-saħħa fl-Unjoni b'riżultat tal-okkorrenza jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz, Stat Membru jew pajjiżi u territorji extra-Ewropej ta' ċertu mard tal-annimali u ċerti żoonożi kif ukoll fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni, jew attivitajiet rilevanti oħra, meħuda b'appoġġ għall-istatus tas-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni.

⁶¹ [żieda]

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Il-kontrolli uffiċjali li jsiru mill-Istati Membri huma għodda essenzjali biex jiġi vverifikat u ssorveljat li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni qed jiġu implimentati, imħarsa u infurzati. L-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali huma vitali sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li jkun disponibbli appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tali miżuri ta' kontroll. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni sabiex tgħinhom isostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, billi l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi wkoll mid-disponibbiltà għall-awtoritajiet ta' kontroll ta' persunal imħarreġ tajjeb li jkollu konozzenza adegwata tad-dritt tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-taħriġ tagħhom kif ukoll għall-programmi ta' skambju rilevanti organizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni

(70) Finalment, l-azzjonijiet dwar il-

PE623.920v02-00

Emenda

(47) ***Fid-dawl ta' katina agrikola u tal-provvista tal-ikel li qed issir dejjem aktar globalizzata***, il-kontrolli uffiċjali li jsiru mill-Istati Membri huma għodda essenzjali biex jiġi vverifikat u ssorveljat li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni qed jiġu implimentati, imħarsa u infurzati, ***b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti agrikoli u tal-ikel importati***. L-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali huma vitali sabiex jinżamm livell għoli ta' sikurezza għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tal-benessri tal-annimali. Jenħtieġ li jkun disponibbli appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għal tali miżuri ta' kontroll. B'mod partikolari, jenħtieġ li tkun disponibbli kontribuzzjoni finanzjarja għal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni sabiex tgħinhom isostnu l-ispejjeż li jinqalgħu minħabba l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma approvati mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, billi l-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali tiddependi wkoll mid-disponibbiltà għall-awtoritajiet ta' kontroll ta' persunal imħarreġ tajjeb li jkollu konozzenza adegwata tad-dritt tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li tkun kapaċi tikkontribwixxi għat-taħriġ tagħhom kif ukoll għall-programmi ta' skambju rilevanti organizzati mill-awtoritajiet kompetenti.

(70) Finalment, l-azzjonijiet dwar il-

Emenda

16/42

AD\1174021MT.docx

katina alimentari bħall-miżuri veterinarji u fitosanitarji fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti jistgħu jiġu kkomplementati minn interventi bbażati fis-suq mill-ipprogrammar tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁸.

⁷⁸ COM(2018) 393 final.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

(76) ***Il-lista*** ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt il-miżuri ta' emerġenza u għall-finanzjament taħt il-programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u sorveljanza jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mard tal-annimali msemmi fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸¹, ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸² u r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸³.

⁸¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.03.2016, p. 1).

⁸² Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Żoonotiċi oħra

katina alimentari bħall-miżuri veterinarji u fitosanitarji fil-każ ta' kriżijiet tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti jistgħu jiġu kkomplementati minn interventi bbażati fis-suq mill-ipprogrammar tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁸ ***unikament fejn ikun strettament meħtieġ u fl-ogħla interest tas-settur.***

⁷⁸ COM(2018) 393 final.

Emenda

(76) ***Lista miftuħa*** ta' mard tal-annimali u żoonożi li jikkwalifikaw għall-finanzjament taħt il-miżuri ta' emerġenza u għall-finanzjament taħt il-programmi ta' eradikazzjoni, kontroll u sorveljanza jenħtieġ li tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-mard tal-annimali msemmi fil-Kapitolu 2 tal-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸¹, ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸² u r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸³.

⁸¹ Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.03.2016, p. 1).

⁸² Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Żoonotiċi oħra

speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

⁸³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered. (ĠU L 147, 31.05.2001, p. 1).

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 77a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1).

⁸³ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered. (ĠU L 147, 31.05.2001, p. 1).

Emenda

(77a) Hu importanti li nkun konxji mill-effetti tal-avvenimenti klimatiċi estremi fid-diversi Stati Membri fir-rigward tat-tixrid tal-organiżmi ta' ħsara u tal-mard tal-annimali u l-impatt tat-tibdil fil-klima fl-Istati Membri, li jwasslu għal firxa wiesgħa u li kulma jmur qed tikber ta' theddidiet potenzjali li ma jridux jiġu trattati bħala diverġenza min-norma iżda jiġu aċċettati bħala r-realtà fil-livell Ewropew.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 85a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(85a) Jeħtieġ li noqogħdu attenti li nevitaw li nippreżentaw proposti li jirrikjedu miżuri burokratiċi ġodda mhux meħtieġa għall-valutazzjoni tal-objettivi komuni. Jeħtieġ li nevitaw, pereżempju, li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jgħoddu l-programmi veterinarji u fitosanitarji nazzjonali li jkunu ġew implimentati b'suċċess, jew li jiżviluppaw indiċi għal dan l-iskop. Dawn in-numri ma jirriflettux b'mod preċiż is-suċċess ta'

strateġija ta' Stat Membru għall-prevenzjoni tal-mard jew il-konformità tagħha ma' strateġiji fil-livell tal-UE, u għaldaqstant jipprovdu data falza.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm **għat-titjib tal-funzjonament tas-suq** intern u **l-kompetittività** tal-intrapriżi, **inkluż** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea **fit-tifsira tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009** (il-"Programm").

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm **tas-Suq Uniku biex jissaħħa is-suq** intern u **jitejjeb il-funzjonament tiegħu fl-oqsma tal-kompetittività** tal-intrapriżi, **speċjalment** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, **l-istandardizzazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-katina agrikola u tal-provvista tal-ikel** u l-qafas għall-finanzjament tal-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea (il-"Programm").

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, u b'mod speċjali **li** jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz **tal-infurzar** tad-dritt tal-Unjoni, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq, l-iffissar ta' standards, u **bil-promozzjoni** tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-benessri tal-annimali; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati

Emenda

(a) li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern, **jippromwovi l-koeżjoni territorjali** u b'mod speċjali jipproteġi u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lill-konsumaturi u lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), permezz **tal-appoġġar tas-sostenibbiltà tagħhom, l-infurzar** tad-dritt tal-Unjoni, **l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi**, l-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq, l-iffissar ta' standards, u **permezz tal-protezzjoni u t-tisħiħ** tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u tal-benessri tal-annimali **u r-rispett lejn l-ambjent**; kif ukoll li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

tal-Unjoni;

kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li jipprovdi *statistika* ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar l-Ewropa li *tirfed it-tfassil*, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni u *jgħin* lil dawk li jfasslu l-politika, in-negozji, l-akkademji, iċ-ċittadini u l-midja sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess demokratiku.

Emenda

(b) li jipprovdi *l-aktar statistiki reċenti* ta' kwalità għolja, komparabbli, u affidabbli dwar l-Ewropa li *jkunu armonizzati bejn l-Istati Membri kollha u l-korpi tal-istatistika nazzjonali u reġjonali rispettivi tagħhom, li jirfdu t-tfassil*, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki kollha tal-Unjoni u *jgħinu* lil dawk li jfasslu l-politika, in-negozji, l-akkademji, *l-għaqdiet tal-ħaddiema*, iċ-ċittadini u l-midja sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati u jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess demokratiku.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jagħmel is-suq intern aktar effettiv, jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-liġi kuntrattwali u extra-kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza;

Emenda

(a) li jagħmel is-suq intern aktar effettiv, jiffaċilita l-prevenzjoni u t-tneħħija tal-ostakli, *inklużi l-ostakli ġeografiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi*, jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tas-suq intern għall-oġġetti u s-servizzi, l-akkwist pubbliku, is-sorveljanza tas-suq kif ukoll fl-oqsma tad-dritt soċjetarju u l-liġi kuntrattwali u extra-kuntrattwali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, *miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-evaljoni tat-taxxa*, il-moviment liberu tal-kapital, is-servizzi finanzjarji u l-kompetizzjoni,

inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' governanza;

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li jtejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi b'enfasi speċjali fuq l-SMEs u li jikseb l-addizzjonalità permezz tal-provvediment ta' miżuri li jipprovdu forom diversi ta' appoġġ lill-SMEs, l-aċċess għas-swieq inkluż l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, ambjent tan-negożju favorevoli għall-SMEs, il-kompetittività tas-setturi, il-modernizzazzjoni tal-industrija u l-promozzjoni tal-intraprenditorija;

Emenda

(b) li jtejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi b'enfasi speċjali fuq l-SMEs u li jikseb l-addizzjonalità permezz tal-provvediment ta' miżuri li jipprovdu forom diversi ta' appoġġ lill-SMEs, l-aċċess għas-swieq inkluż l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs, ambjent tan-negożju favorevoli għall-SMEs, il-kompetittività tas-setturi, il-modernizzazzjoni tal-industrija u l-promozzjoni ***tat-trasparenza tas-suq u*** tal-intraprenditorija, ***b'enfasi fuq l-intraprenditorija fost in-nisa u ż-żgħażaġh minn żoni rurali, biex jippermettulhom li jibqgħu f'dawn iż-żoni u jipprevjenu d-depopolazzjoni rurali:***

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta' rappurtar finanzjarju u ta' awditjar, jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni u jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki fir-rappurtar korporattiv;

Emenda

(ii) jappoġġaw l-iżvilupp ta' standards internazzjonali ta' kwalità għolja ta' rappurtar finanzjarju u ta' awditjar, jiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fid-dritt tal-Unjoni u jippromwovi l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki ***u t-trasparenza*** fir-rappurtar korporattiv;

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) jagħti s-setgħa, jassisti u jeduka lill-konsumaturi, lin-negozji u lis-soċjetà ċivili; jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, konsum sostenibbli u sikurezza tal-prodotti b'mod partikolari billi jappoġġa lill-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur u lill-azzjonijiet ta' kooperazzjoni; jiżgura li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess **għar-rimedju** u; jipprovdi informazzjoni xierqa dwar is-swieq u **l-konsumaturi**;

Emenda

(i) jagħti s-setgħa, jassisti, **jinforma** u jeduka lill-konsumaturi, lin-negozji, **lill-għaqdiet tal-ħaddiema** u lis-soċjetà ċivili, **permezz ta' siti web tal-gvern aċċessibbli, pereżempju**; jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, konsum sostenibbli u sikurezza tal-prodotti b'mod partikolari billi jappoġġa lill-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur u lill-azzjonijiet ta' kooperazzjoni **bejn l-Istati Membri u fil-livell internazzjonali, kif ukoll skambji tal-prattika tajba u tal-informazzjoni biex jiddefendi l-prodotti Ewropej fis-suq intern kontra kull kompetizzjoni inġusta minn barra**, jiżgura li l-konsumaturi kollha jkollhom aċċess **għall-arbitraġġ u r-rimedju** u; jipprovdi informazzjoni xierqa dwar is-swieq, **il-konsumaturi u l-metodi ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti**;

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) isaħħaħ **l-parteciġazzjoni** tal-konsumaturi **u** ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politiki; jippromwovi fehim aħjar tas-settur finanzjarju;

Emenda

(ii) isaħħaħ **il-parteciġazzjoni** tal-konsumaturi, ta' utenti aħħarin oħrajn tas-servizzi finanzjarji, **tal-għaqdiet tal-ħaddiema** u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politiki; jippromwovi fehim aħjar tas-settur finanzjarju;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) li jikkontribwixxi għal livell għoli

Emenda

(e) li jikkontribwixxi għal livell għoli

ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati, inkluż billi jiġu pprevenuti u meqruda l-mard u l-organiżmi ta' ħsara, u **jappoġġa t-titjib tal-benessri** tal-annimali **kif ukoll il-produzzjoni** u l-konsum sostenibbli tal-ikel;

ta' saħħa għall-bniedem, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina **agrikola u tal-provvista** alimentari u f'oqsma relatati, inkluż billi jiġu pprevenuti u meqruda l-mard u l-organiżmi ta' ħsara, **anke permezz ta' miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fuq skala kbira u avvenimenti imprevedibbli li jaffettwaw lis-saħħa tal-pjanti jew** tal-annimali, **u jappoġġa l-produzzjoni** u l-konsum sostenibbli tal-ikel **agrikolu bi prezzijiet li jintlaħqu, filwaqt li jnaqqas il-ħela ta' ikel, iqajjem il-kuxjenza tal-konsumaturi u japprofitta mill-benefiċċji tal-ekonomija ċirkolari; għaldaqstant jiffoka fuq l-istimular tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma kollha msemmija hawn fuq;**

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) li jgħin biex jinħoloq ambjent propizju għall-varar ta' SMEs ġodda f'reġjuni żvantaġġati bħal żoni muntanjużi u r-reġjuni ultraperiferiċi billi jiżgura li 10% tar-riżorsi finanzjarji kollha disponibbli jkunu allokati lil reġjuni ta' dan it-tip.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) li jipproduċi u jikkomunika statistika ta' kwalità għolja f'waqtha, imparzjali u kosteffiċjenti dwar l-Ewropa, permezz ta' sħubiji mtejbja fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika msemmija fl-

(f) li jipproduċi u jikkomunika statistika ta' kwalità għolja f'waqtha, imparzjali u kosteffiċjenti dwar l-Ewropa, permezz ta' sħubiji mtejbja fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika msemmija fl-

Artikolu 4 tar-Regolament (KE)
Nru 223/2009 u mal-partijiet rilevanti u
esterni kollha, bl-użu ta' diversi sorsi ta'
data, metodi avvanzati ta' analiżi tad-data,
sistemi intelliġenti u teknoloġiji diġitali.

Artikolu 4 tar-Regolament (KE)
Nru 223/2009 u mal-partijiet rilevanti u
esterni kollha, **li jinvolvu kollaborazzjoni
effettiva mal-korpi tal-istatistika fl-Istati
Membri**, bl-użu ta' diversi sorsi ta' data,
metodi avvanzati ta' analiżi tad-data,
sistemi intelliġenti u teknoloġiji diġitali, **u
r-raggruppament tar-riżorsi sabiex
tinkiseb informazzjoni li tkun affidabbli u
aġġornata kemm jista' jkun.**

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-
implimentazzjoni tal-Programm għall-
perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun
EUR 4 **088** 580 000 fi prezzijiet kurrenti.

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-
implimentazzjoni tal-Programm għall-
perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun
EUR 4 **608** 580 000 fi prezzijiet kurrenti.

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) EUR **1 680** 000 000 għall-oġettiv
msemmi fl-Artikolu 3(2)(e);

Emenda

(c) EUR **2 200** 000 000 għall-oġettiv
msemmi fl-Artikolu 3(2)(e);

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**5 a. Għandu jiġi introdott mekkaniżmu
speċifiku għal aċċess dirett tal-katina tal-
ikel għar-riżerva tal-kriżijiet tal-
Kummissjoni f'każ ta' emerġenzi fuq
skala kbira, sabiex ikun żgurat
finanzjament għall-miżuri stabbiliti fl-**

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda

6. Ir-riżorsi allokati lill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jiġu ttrasferiti għall-Programm ***unikament f'każijiet fejn l-appropriazzjonijiet magħmula ma jkunux implimentati. Il-programmi ġestiti b'mod konġunt li jibqa' m'għandhomx jiġu mdgħajfa minħabba tnaqqis fil-baġit tagħhom.*** Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dak l-Artikolu. Fejn possibbli dawn ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ia) ifittex li tkun żgurata l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea u l-konformità magħha;

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-

forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan l-operazzjonijiet ta' taħlit.

forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji fi ħdan l-operazzjonijiet ta' taħlit **billi jipprovdi aċċess għal programmi b'finanzjament multiplu.**

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju. **Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-programmi ta' ħidma adottati għal kull wieħed mill-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu (2)(2) filwaqt li tispeċifika l-ammont ta' għotjiet li għandhom jiġu allokat.**

Ġustifikazzjoni

Din hija Prattika Konsolidata fil-ġestjoni tal-programmi tal-UE.

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet tajbin biex l-atturi kollha tas-suq intern, inklużi n-negozji, iċ-ċittadini u l-konsumaturi, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa permezz ta' kampanji trasparenti ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattika, il-promozzjoni ta' prattiki tajbin, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' kompetenza esperta u għarfien u l-

Emenda

(a) il-ħolqien tal-kundizzjonijiet tajbin biex l-atturi kollha tas-suq intern, inklużi n-negozji, **l-għaqdiet tal-ħaddiema**, iċ-ċittadini u l-konsumaturi, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw is-setgħa permezz ta' kampanji trasparenti ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattika, il-promozzjoni ta' prattiki tajbin, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' kompetenza esperta u

organizzazzjoni ta' taħriġ;

għarfien u l-organizzazzjoni ta' taħriġ;

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-provvista ta' mekkaniżmi għaċ-
ċittadini, għall-konsumaturi, għall-utenti
aħħarin, għas-soċjetà ċivili u għar-
rappreżentanti tan-negozju mill-Unjoni
biex tingħata kontribuzzjoni lid-
diskussjonijiet politiċi, lill-politiki u lill-
proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod
partikolari billi jiġi appoġġat il-
funzjonament tal-organizzazzjonijiet
rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u fil-
livell tal-Unjoni;

Emenda

(b) il-provvista ta' mekkaniżmi għaċ-
ċittadini, **għall-ħaddiema**, għall-
konsumaturi, għall-utenti aħħarin, għas-
soċjetà ċivili u għar-rappreżentanti tan-
negozju mill-Unjoni biex tingħata
kontribuzzjoni lid-diskussjonijiet politiċi,
lill-politiki u lill-proċessi ta' teħid ta'
deċiżjonijiet, b'mod partikolari billi jiġi
appoġġat il-funzjonament tal-
organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-
livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni;

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ca) li jeliminaw l-ostakli tas-suq, il-
piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż tal-
insularità u tal-bogħod mis-suq Ewropew
fir-reġjuni ultraperiferiċi u joħolqu
ambjent kummerċjali favorevoli sabiex l-
SMEs jibbenefikaw mis-suq intern;**

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) li jrawmu ambjent tan-negozju
intraprenditorjali u kultura
intraprenditorjali, inkluż l-iskema ta'
mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda u li

Emenda

(f) li jrawmu ambjent tan-negozju
intraprenditorjali u kultura
intraprenditorjali, **speċjalment fost in-nisa
u ż-żgħażaġh fiż-żoni rurali**, inkluż l-

jappoġġaw lin-negozji li jkunu għadhom kemm jifthū, is-sostenibbiltà tan-negozju u n-negozji li jkunu jridu jespandu.

iskema ta' mentoraġġ għall-intraprendituri ġodda u li jappoġġaw lin-negozji li jkunu għadhom kemm jifthū, is-sostenibbiltà tan-negozju u n-negozji li jkunu jridu jespandu ***u l-ħolqien ta' servizzi ġodda; li jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' inizjattivi kummerċjali bħal "Junior Enterprises" f'ambjent universitarju u r-rikonoxximent ta' dan il-kunċett fil-livell Ewropew.***

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) Stat Membru ***jew*** pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

Emenda

(i) Stat Membru, pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu ***jew reġjun ultraperiferiku;***

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

Emenda

(a) l-istituti nazzjonali tal-istatistika u ***l-kontropartijiet reġjonali tagħhom fejn jeżistu, u*** awtoritajiet nazzjonali oħrajn kif imsemmi fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009;

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta' dan ir-Regolament, ***l-istituzzjonijiet*** nazzjonali ***tal-istatistika*** u awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-

Emenda

(h) għall-azzjonijiet li jimplimentaw l-oġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f) ta' dan ir-Regolament, ***l-istituti tal-istatistika*** nazzjonali ***u reġjonali*** u awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***l-programmi ta' ħidma*** li ***jimplimentaw*** l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) kif stipulat fl-Anness ***I, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).***

Emenda 51

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u ***mal-azzjonijiet*** u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha ***s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20, filwaqt li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta programmi ta' ħidma skont*** l-objettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) kif stipulat fl-Anness.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm ***sabiex tqajjem il-kuxjenza fost il-konsumaturi, iċ-ċittadini u n-negozji, b'mod speċjali fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel, dwar ir-riżorsi provduti permezz tal-istrumenti finanzjarji ta' dan ir-Regolament, kif ukoll dwar l-azzjonijiet*** u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda 52

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni (l-EUROSTAT) għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-obiettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f), l-azzjonijiet u r-risultati tiegħu meta dawn jirrigwardaw l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, b'konformità mal-prinċipji dwar l-istatistika kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Emenda

3. Il-Kummissjoni (l-EUROSTAT) għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-obiettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(f), l-azzjonijiet u r-risultati tiegħu meta dawn jirrigwardaw ***l-armonizzazzjoni tal-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu studjati***, l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, b'konformità mal-prinċipji dwar l-istatistika kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

Emenda 53

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri li jeqirdu organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁵ jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

¹⁰⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u

Emenda

(a) miżuri li ***jipprevjenu, irażżnu u/jew*** jeqirdu organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁵ jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

¹⁰⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u

Ġustifikazzjoni

Huwa vitali li jiġi żgurat li miżuri ta' prevenzjoni u trażżin huma eliġibbli bl-istess mod bħall-miżuri ta' qerda.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) miżuri li jeqirdu organiżmu ta' ħsara, mhux elenkat bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Emenda

(b) miżuri li **jipprevjenu, irażżnu u/jew** jeqirdu organiżmu ta' ħsara, mhux elenkat bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Ġustifikazzjoni

Huwa vitali li jiġi żgurat li miżuri ta' prevenzjoni u trażżin huma eliġibbli bl-istess mod bħall-miżuri ta' qerda.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' organiżmu ta' ħsara, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri **ta' qerda** msemija fil-punt (a) **ta' dan il-punt** u **l-miżuri ta' trażżin imsemija fil-punt** (b) ta' dan il-punt, meta daww il-miżuri jkunu

Emenda

(c) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' organiżmu ta' ħsara, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri msemija fil-punt (a) u (b) ta' dan il-punt, meta daww il-miżuri jkunu essenzjali biex jiproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak l-

essenzjali biex jiproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak l-organiżmu ta' ħsara.

organiżmu ta' ħsara, *li jirrestrinġu fejn ikun meħtieġ il-moviment liberu tat-trasportaturi fl-Istati Membri tal-Madwar.*

Emenda 56

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) miżuri biex jiġi meqrud organiżmu ta' ħsara li jitfaċċa f'salt, anke jekk ma jkunx ikkunsidrat organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina tal-Unjoni iżda r-riżultat ta' avvenimenti klimatiċi estremi jew tibdil fil-klima fi Stat Membru;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.3 – punt 1.3.4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.3.4a. Fil-każ ta' tifqigħa suspettata ta' marda tal-annimali u/jew id-dehra ta' organiżmi ta' ħsara, il-verifiki u l-monitoraġġ se jeħtieġ li jiġu intensifikati ħafna fl-UE kollha, fi ħdanha jew/u fil-fruntieri esterni tagħha;

Emenda 58

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt 1.3 – punt 1.3.4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.3.4b. Miżuri għall-monitoraġġ tad-dehra ta' mard u organiżmi ta' ħsara, kemm dawk magħrufa kif ukoll dawk li attwalment mhumiex magħrufa.

Emenda 59

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2.1. Programmi veterinarji u fitosanitarji annwali u pluriennali **għall-gerda**, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Anness III u tal-organiżmi ta' ħsara tal-pjanti jridu jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-dritt tal-Unjoni rilevanti.

Emenda

2.1. Programmi veterinarji u fitosanitarji annwali u pluriennali **għall-prevenzjoni, il-gerda**, il-kontroll u s-sorveljanza tal-mard tal-annimali u ż-żoonożi elenkati fl-Anness III u tal-organiżmi ta' ħsara tal-pjanti jridu jiġu implimentati f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-dritt tal-Unjoni rilevanti.

Emenda 60

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawn il-programmi għandhom jirriflettu r-realtajiet ġodda kkawżati mit-tibdil fil-klima u d-diversità tagħhom fil-livell Ewropew; dawn għandhom ukoll jgħinu biex jipprevjenu l-erożjoni tal-biodiversità Ewropea.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) miżuri li jeqirdu organizzmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

(c) miżuri li **jipprevjenu, irażżnu u/jew** jeqirdu organizzmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/2031 jew skont il-miżuri tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament;

Ġustifikazzjoni

Huwa vitali li jiġi żgurat li miżuri ta' prevenzjoni u trażżin huma eliġibbli bl-istess mod bħall-

miżuri ta' qerda.

Emenda 62

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) miżuri li jeqirdu organiżmu ta' ħsara, mhux elenkat bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Emenda

(d) miżuri li **jipprevjenu, irażżnu u/jew** jeqirdu organiżmu ta' ħsara, mhux elenkat bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni, meħuda mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u li jista' jikkwalifika bħala organiżmu ta' ħsara ta' kwarantina fl-Unjoni skont il-kriterji msemija f'dak l-Artikolu jew fl-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament;

Ġustifikazzjoni

Huwa vitali li jiġi żgurat li miżuri ta' prevenzjoni u trażżin huma eliġibbli bl-istess mod bħall-miżuri ta' qerda.

Emenda 63

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt 2 – punt 2.3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' organiżmu ta' ħsara, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri **ta' qerda** msemija **fil-punt (c) ta' dan il-punt u l-miżuri ta' trażżin imsemija fil-punt (d)** ta' dan il-punt, meta daww il-miżuri jkunu essenzjali biex jiproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak l-organiżmu ta' ħsara;

Emenda

(e) miżuri protettivi addizzjonali meħuda kontra t-tixrid ta' organiżmu ta' ħsara, kontra liema ġew adottati miżuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031, għajr il-miżuri msemija **fil-punti (c) u (d) ta' dan il-punt**, meta daww il-miżuri jkunu essenzjali biex jiproteġu lill-Unjoni kontra aktar tixrid ta' dak l-organiżmu ta' ħsara.

Ġustifikazzjoni

Di hi emenda teknika, li l-iskop tagħha huwa li tallinja t-test fid-dawl tal-emendi li jitolbu li l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' trażżin ikunu eliġibbli bl-istess mod bħall-miżuri ta' qerda.

Emenda 64

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-attivitajiet ta' appoġġ għat-titjib tal-benessri tal-annimali.

Emenda

3. L-attivitajiet ta' appoġġ għat-titjib tal-benessri tal-annimali, ***inklużi miżuri sabiex tiġi żgurata konformità mal-istandards tal-benessri tal-annimali u t-traċċabbiltà waqt it-trasport tal-annimali.***

Emenda 65

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Attivitajiet li jappoġġaw ***produzzjoni u konsum*** sostenibbli tal-ikel.

Emenda

7. Attivitajiet li jappoġġaw ***il-produzzjoni agroekoloġika, il-konsum*** sostenibbli tal-ikel, ***li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u lill-bijodiversità, u l-promozzjoni tal-bejgħ dirett u ktajjen tal-provvista qosra.***

Emenda 66

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. Xogħol tekniku u xjentifiku, inklużi studji u attivitajiet ta' koordinazzjoni, meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-leġislazzjoni fil-qasam relatat mal-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) u l-adattament ta' din il-leġislazzjoni għal żviluppi xjentifiċi,

Emenda

11. Xogħol tekniku u xjentifiku, inklużi studji u attivitajiet ta' koordinazzjoni, meħtieġa biex ***jissalvagwardjaw il-prevenzjoni li jiffaċċaw organiżmi ta' ħsara u mard li huma kemm ġodda kif ukoll mhux magħrufa u biex*** jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-leġislazzjoni

teknoloġiċi u soċjetali.

fil-qasam relatat mal-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e) u l-adattament ta' din il-leġiżlazzjoni għal żviluppi xjentifiċi, teknoloġiċi u soċjetali.

Emenda 67

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

14. L-appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu żgurati produzzjoni u konsum tal-ikel imtejba, konformi u sostenibbli, **inkluż l-attivitajiet għall-prevenzjoni** tal-ħela tal-ikel u **l-frodi** alimentari, fl-implimentazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e).

Emenda

14. L-appoġġ għall-inizjattivi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu żgurati produzzjoni u konsum tal-ikel imtejba, konformi u sostenibbli, **inkluża l-prevenzjoni** tal-ħela tal-ikel **b'kontribut għall-ekonomija ċirkulari**, u **l-attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi** alimentari, fl-implimentazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-oġġettiv speċifiku msemmi fl-Artikolu 3(2)(e).

Emenda 68

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-interazzjoni bejn id-diversi programmi u fondi Ewropej u l-Programm tas-Suq Uniku trid tiġi żgurata dejjem aktar.

Emenda 69

Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni tirrikjedi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, komparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika, soċjali,

Emenda

L-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni tirrikjedi informazzjoni statistika ta' kwalità għolja, **aġġornata**, komparabbli u affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekonomika,

territorjali u ambjentali fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-istatistika Ewropea tippermetti liċ-ċittadini Ewropej jifhmu u jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u fid-dibattitu dwar l-istat preżenti u dak futur tal-Unjoni.

soċjali, territorjali u ambjentali fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-istatistika Ewropea tippermetti liċ-ċittadini Ewropej jifhmu u jieħdu sehem fil-proċess demokratiku u fid-dibattitu dwar l-istat preżenti u dak futur tal-Unjoni.

Emenda 70

Proposta għal regolament Anness II – inċiż 13

Test propost mill-Kummissjoni

– il-monitoraġġ tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);

Emenda

– il-monitoraġġ tal-progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) **u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;**

Emenda 71

Proposta għal regolament Anness II – inċiż 18

Test propost mill-Kummissjoni

– il-provvista ta' data tempestiva u rilevanti għall-ħtiġijiet tal-Politika Agrikola Komuni **u tal-politika** Komuni tas-Sajd **kif ukoll** politiki relatati mal-ambjent, is-sigurtà alimentari u l-benessri tal-annimali.

Emenda

– il-provvista ta' data tempestiva u rilevanti għall-ħtiġijiet tal-Politika Agrikola Komuni **(inkluża informazzjoni mill-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib, li hi meħtieġa b'aktar rapidità), il-Politika** Komuni tas-Sajd **u** politiki relatati mal-ambjent, is-sigurtà alimentari u l-benessri tal-annimali.

Emenda 72

Proposta għal regolament Anness II – inċiż 19

Test propost mill-Kummissjoni

– il-provvista ta' indikaturi statistiċi tempestivi u komprensivi dwar ir-reġjuni, **inkluż** ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, il-bliet u ż-żoni rurali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività tal-politiki dwar

Emenda

– il-provvista ta' indikaturi statistiċi tempestivi u komprensivi dwar ir-reġjuni, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, il-bliet u ż-żoni rurali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività tal-politiki dwar

l-iżvilupp territorjali, u għall-evalwazzjoni tal-impatti territorjali tal-politiki settorjali;

l-iżvilupp territorjali, u għall-evalwazzjoni tal-impatti territorjali tal-politiki settorjali;

Emenda 73

Proposta għal regolament Anness III

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Lista ta' mard tal-annimali u żoonożi

imħassar

- (1) *Il-marda Afrikana taż-żwiemel*
- (2) *Id-deni Afrikan tal-ħnieżer*
- (3) *L-antraċe*
- (4) *L-influwenza avjarja
(b'patoġeniċità għolja),*
- (5) *L-influwenza avjarja
(b'patoġeniċità baxxa)*
- (6) *Il-kampilobatterjożi*
- (7) *Id-deni klassiku tal-ħnieżer*
- (8) *Il-marda tal-ilsien u d-dwiefer*
- (9) *Il-plewroplewmonite li tittieħed fil-
mogħoż*
- (10) *Il-glanders*
- (11) *L-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu
(serotipi 1-24),*
- (12) *L-infezzjoni bil-Brucella abortus,
bil-B. melitensis u bil-B. suis*
- (13) *L-infezzjoni bil-virus tal-marda
epiżootika tal-emorraġija*
- (14) *L-infezzjoni bil-virus tal-marda
tal-infafet fil-ġilda*
- (15) *L-infezzjoni bil-Mycoplasma
mycoides subsp. mycoides SC
(plewropulmonite bovina li tittieħed),*
- (16) *L-infezzjoni bil-kumpless tal-
Mycobacterium tuberculosis (M. bovis, M.
caprae u M. tuberculosis)*
- (17) *L-infezzjoni bil-virus tal-marda
Newcastle*

- (18) *L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti ż-żgħar*
- (19) *L-infezzjoni bil-virus tar-rabja*
- (20) *L-infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift*
- (21) *L-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina*
- (22) *L-infezzjoni bis-servorari tas-Salmonella żoonotika*
- (23) *L-infestazzjoni bl-Echinococcus spp*
- (24) *Il-listerjożi*
- (25) *Il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż*
- (26) *L-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli*
- (27) *It-trikinellożi*
- (28) *L-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela*
- (29) *L-E. coli verotossigeniku*

Emenda 74

Proposta għal regolament Anness IIIa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX IIIa

Lista ta' mard tal-annimali u żoonożi

Il-lista ta' mard tal-annimali u żoonożi tkopri:

(a) il-lista ta' mard imfassla skont il-Kapitolu 2 tal-Parti 1 tar-Regolament 2016/429;

(b) is-salmonella, iż-żoonożi u l-aġenti żoonotiċi koperti mir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u d-Direttiva 2003/99/KE;

(c) l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tiżgura li titqies ir-reviżjoni tal-lista tal-mard imfassla taħt ir-Regolament 2016/429 li tista' tiġi aġġornata mill-Kummissjoni, u estiża biex tkopri s-salmonella, iż-żoonożi u l-aġenti żoonotiċi.

Emenda 75

Proposta għal regolament Anness IVa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX IVa

L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(e)

- 1) Għadd ta' programmi veterinarji u fitosanitarji nazzjonali implimentati b'suċċess.***
- 2) Għadd ta' emerġenzi kkawżati minn organiżmi ta' ħsara riżolti b'suċċess;***
- 3) Għadd ta' emerġenzi kkawżati mill-mard riżolti b'suċċess;***

Emenda 76

Proposta għal regolament Anness IVb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNEX IVa

***L-objettivi stabbiliti fl-Artikolu
3(2)(d)(i)(ii)***

- 1. Indiċi tal-kundizzjonijiet tal-konsumaturi.***
- 2. Tnaqqis fl-għadd ta' twissijiet fis-Sistema ta' Twissija Rapida;***
- 3. Għadd ta' dokumenti ta' pożizzjoni u tweġibiet għal konsultazzjonijiet pubbliċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji mill-benefiċjarji.***

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea
Referenzi	COM(2018)0441 – C8-0254/2018 – 2018/0231(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 14.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 14.6.2018
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sofia Ribeiro 4.7.2018
Data tal-adozzjoni	14.1.2019
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 –: 5 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Matt Carthy, Jacques Colombier, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Maria Lidia Senra Rodríguez, Ricardo Serrão Santos, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Angélique Delahaye, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Sofia Ribeiro, Hilde Vautmans, Thomas Waitz
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Tilly Metz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

31	+
ALDE	Ulrike Müller, Hilde Vautmans
ECR	Anthea McIntyre, James Nicholson
EFDD	Marco Zullo
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan
PPE	Franc Bogovič, Angélique Delahaye, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Esther Herranz García, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Sofia Ribeiro, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Momchil Nekov, Maria Noichl, Ricardo Serrão Santos, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană
VERTS/ALE	Martin Häusling, Tilly Metz, Thomas Waitz

5	-
EFDD	John Stuart Agnew
ENF	Jacques Colombier, Philippe Loiseau
GUE/NGL	Matt Carthy, Maria Lidia Senra Rodríguez

2	0
ALDE	Jan Huitema
EFDD	Giulia Moi

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni